

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010

Rapport dwar il-Politika dwar il-Kompetizzjoni 2008

P7_TA(2010)0050

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2010 dwar ir-Rapport dwar il-Politika dwar il-Kompetizzjoni 2008 (2009/2173(INI))

(2010/C 349 E/03)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 107(3)(b) u (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-ex Artikolu 87(3)(b) u (c) tat-Trattat KE),
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika dwar il-Kompetizzjoni 2008 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-imprezzi (ir-Regolament KE) ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 tal-31 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat fuq kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE rigward għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ⁽⁶⁾ (Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat lis-servizzi pubbliċi),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2008 bit-titolu "Ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja attwali: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux mistħoqqa" ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Frar 2009 bit-titolu "Gwida dwar il-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE fejn tidħol imġiba abbużiva ta' esklużività minn imprezzi dominanti" ⁽⁹⁾,

⁽¹⁾ COM(2009)0374.

⁽²⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 336, 29.12.1999, p. 21.

⁽⁵⁾ ĠU L 203, 1.8.2002, p. 30.

⁽⁶⁾ ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67.

⁽⁷⁾ ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2.

⁽⁸⁾ ĠU C 16, 22.1.2009, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU C 45, 24.2.2009, p. 7.

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2009 dwar it-trattament tal-assi mgħarrqa fis-settur bankarju tal-Komunità ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2009 dwar ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali skont ir-regoli tal-ghajjnuna mill-Istat ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Awwissu 2009 dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' ghajjnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti (2008/C 270/02) ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2008 dwar azzjonijiet għad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust ⁽⁴⁾ (White Paper dwar id-Danni) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-26 ta' Marzu 2009 f'dan ir-rigward ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Kodiċi tal-Aħjar Prattika dwar il-mod kif jitmexxew il-proċeduri tal-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat ⁽⁶⁾, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Proċedura Simplifikata għat-Trattament ta' ċerti tipi ta' Ghajjnuna mill-Istat ⁽⁷⁾ u l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tal-liġi dwar l-ghajjnuna mill-Istat mill-qrati nazzjonali ⁽⁸⁾ (Pakkett ta' Simplifikazzjoni),
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ghajjnuna mill-Istat għall-2008 u l-2009,
- wara li kkunsidra r-reviżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Awwissu 2009 tal-iskemi ta' garanzija u ta' rikapitalizzazzjoni fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Frar 2005 dwar Ghajjnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009 dwar ir-Rapporti tal-Politika dwar il-Kompetizzjoni għall-2006 u l-2007 ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni miktuba tal-Parlament tad-19 ta' Frar 2008 dwar l-investigazzjoni u r-rimedji għall-abbuż ta' poter mis-supermarkets il-kbar li joperaw fl-Unjoni Ewropea ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 48 u 119(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat dwar is-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumaturi (A7-0025/2010),

⁽¹⁾ ĠU C 72, 26.3.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 195, 19.8.2009, p. 9.

⁽³⁾ ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8.

⁽⁴⁾ COM(2008)0165.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0187.

⁽⁶⁾ ĠU C 136, 16.6.2009, p. 13.

⁽⁷⁾ ĠU C 136, 16.6.2009, p. 3.

⁽⁸⁾ ĠU C 85, 9.4.2009, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1.

⁽¹⁰⁾ Testi adottati, P6_TA(2005)0033.

⁽¹¹⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0099.

⁽¹²⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0191.

⁽¹³⁾ ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 23.

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010

- A. billi ċ-ċirkustanzi ekonomiċi eċċezzjonali ta' dawn l-aħħar sentejn qajmu l-ħtieġa għal miżuri eċċezzjonali,
- B. billi l-Unjoni Ewropea ħadet il-pass, li qatt ma sar qabel, li tirrikorri għall-Artikolu 107(3)(b) u (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- C. billi, fi żminijiet ta' kriżi, swieq li jaħdmu sewwa huma essenzjali, u r-regoli dwar il-kompetizzjoni għandhom jiġu applikati b'mod flessibbli imma strett,
- D. billi l-protezzjoniżmu u t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni jservu biss biex japprofondixxu l-kriżi u jtawluha,
- E. billi l-iżbilanċi tal-baġit u d-djun pubbliċi li qed jikbru f'bosta Stati Membri jistgħu jkomplu jżommu lura l-pass tal-irkupru ekonomiku u tat-tkabbir ekonomiku għal snin sħaħ, u possibilmnt għal għexieren ta' snin,
- F. billi l-gvernijiet ta' Stati Membri taw garanziji fuq il-finanzjament bankarju b'rispons għall-kriżi finanzjarja minn Ottubru 2008 'l hawn; billi l-ħruġ ta' bonds garantiti kien imdaqqs u pprovda lill-banek sors sinifikanti ta' finanzjament u assigurazzjoni kontra r-riskji ffaċċati mis-sistema finanzjarja,
- G. billi l-analizzijiet empiriċi jissuġġerixxu li l-garanziji mogħtija mill-gvernijiet ta' Stati Membri ġġeneraw għadd ta' effetti u tagħwiġ, bħalma huwa tnaqqis tal-marġni tal-bonds privati, li jeħtieġ li jitqiesu meta tiġi kkunsidrata l-estensjoni tagħhom fl-2010,
- H. billi l-kapaċità ta' kumpaniji transnazzjonali li jagħmlu użu estensiv ta' refuġi tat-taxxa u ta' ċentri offshore bħala parti mill-istrategġiji tagħhom biex jevitaw it-taxxa tmur kontra l-prinċipju ta' kompetizzjoni ġusta,
- I. billi l-governanza fiskali hija fattur importanti għaż-żamma ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-kompetizzjoni ġusta, u għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern,

Osservazzjonijiet ġenerali

1. Jilqa' r-Rapport dwar il-Politika dwar il-Kompetizzjoni 2008, partikolarment il-kapitolu ta' approfondiment tiegħu dwar il-kartelli u l-konsumaturi; jappoġġa l-ħolqien tal-Unità għall-Kuntatt mal-Konsumaturi; jinnota li l-eżistenza ta' kartelli hija ta' ħsara għall-konsumaturi; jiddispaċiħ mid-diffikultajiet li qed ikollhom il-konsumaturi biex igawdu l-benefiċċji tal-kompetizzjoni;
2. Jenfasizza li l-kartelli huma fost l-aktar vjolazzjonijiet serji tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni, iħarbtu l-katina tal-valur, jagħmlu ħsara lill-konsumaturi u għandhom effett ħażin ħafna fuq l-ekonomija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżomm l-infurzar qawwi tagħha biex tipprevjeni l-kartelli u taġixxi kontriħom; jilqa' strumenti bħall-pakkett għar-risolviment, li jippermetti lill-Kummissjoni tirrisolvi każijiet ta' kartelli permezz ta' proċedura simplifikata fejn il-kumpaniji, wara li jkunu raw l-evidenza, jagħżlu li jirrikonoxxu l-involviment tagħhom fil-kartell u l-multa imposta fuq il-partijiet titnaqqas; ifakkar li l-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar komprensiv tar-regoli tal-kompetizzjoni huma essenzjali għal swieq interni Ewropej li jiffunzjonaw tajjeb u li jkunu kompetittivi, b'titjib tal-effiċjenza, l-eċċellenza intraprenditorjali u l-protezzjoni tal-konsumaturi; huwa tal-fehma, b'mod partikulari, li l-ġlieda kontra l-akkordji hija ċentrali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jgawdu minn sistema ta' kompetizzjoni permezz ta' prezzijiet orħos u għażla usa ta' prodotti u servizzi;
3. Jitlob li jkun involut fuq bażi wiesgħa fit-tfassil tal-politika dwar il-kompetizzjoni, fost l-oħrajn permezz ta' rwol koleġiżlattiv u rekwiżit li l-Parlament jitgħarraf regolarment dwar kwalunkwe inizjattiva f'dak il-qasam;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament Ewropew matul is-sena 2010 dwar il-mod kif biħsiebha ssarraf fil-qasam tal-kompetizzjoni d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti rapport dettaljat u kull sena lill-Parlament dwar is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu u biex tispjega kull diverġenza mir-rakkomandazzjonijiet li jkun għamel il-Parlament;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal dialogu stabbli u permanenti mal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi biex jiġu identifikati problemi li jikkonċernaw il-kompetizzjoni u l-prijoritajiet tal-infurzar; jitlob rapport sħiħ dwar l-attivitajiet tal-Unità għall-Kuntatt mal-Konsumaturi tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni;
7. Isejjaħ biex il-Kummissjoni tqiegħed għad dispożizzjoni tal-pubbliku l-valutazzjonijiet u l-istudji kollha msemmija fir-rapporti annwali tagħha dwar il-kompetizzjoni, u biex tagħmel użu minn nies esperti indipendenti u affidabbli għal dawk il-valutazzjonijiet u studji;
8. Ifakkar fit-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tagħmel reviżjoni urġenti tar-riżorsi tal-istaff fid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni u tiżgura li r-riżorsi allokatu jissodisfaw ix-xogħol li dejjem qed jiżdied;
9. Jenfasizza l-bżonn ta' regoli tal-kompetizzjoni ċari, robusti u li jirrispettaw lill-SMEs ibbażati fuq il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" li hu msejjes fl-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa;
10. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fir-rapport li jmiss, tinkludi kapitolu ta' approfondiment dedikat għall-SMEs u l-kompetizzjoni; josserva l-ispiża għolja marbuta mas-sistema tal-privattivi għall-SMEs, partikolarment minħabba t-theddida ta' litigazzjoni minn entitajiet mhux Prattikanti; jiġbed l-attenzjoni għall-innovazzjoni miftuħa u għall-ġabriet ta' għerf aċċessibbli għal kulħadd (*knowledge commons*); jistieden lill-SMEs biex jifrutaw ir-riżultati tas-Seba' Programm ta' Qafas f'sitwazzjoni ta' aċċess miftuħ;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel użu tal-Artikolu 12 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-ex Artikolu 153(2) tat-Trattat KE), li jiddikjara b'mod ċar li "l-ħtiġiet tal-protezzjoni tal-konsumatur għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni", bħala bażi legali għal-leġiżlazzjoni tas-suq intern fil-ġejjieni;
12. Jistaqsi lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ l-implimentazzjoni tal-pakkett tat-telekomunikazzjonijiet;
13. Jikkunsidra b'mod pożittiv il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Gwida dwar il-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE fejn tidħol imġiba abbużiva ta' esklużività minn impriżi dominanti"; hu tal-fehma li l-Gwida hija pass 'il quddiem minħabba li tfisser aktar trasparenza u prevedibbiltà dwar intervent possibbli tal-Kummissjoni, imma ma għandha qatt tillimita jew tirrestrinġi l-kapaċità tal-Kummissjoni li taġixxi f'dak il-qasam taħt dak li llum huwa t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
14. Jenfasizza li fl-2008, għall-ewwel darba fl-istorja tal-politika ta' kompetizzjoni tal-UE, ġew imposti multi koerċizzivi minħabba nuqqas ta' konformità ma' deċizzjoni preċedenti tal-Kummissjoni;

Għajnuna mill-Istat

15. Jenfasizza li huwa importanti li l-Kummissjoni tissorvelja l-użu tal-għajnuna mill-Istat sabiex jiġi żgurat li dawn l-arranġamenti ta' appoġġ ma jintużawx biex jiproteġu l-industriji nazzjonali b'mod li jagħmel ħsara lis-suq intern u lill-konsumaturi Ewropej;
16. Għalhekk iqis li huwa essenzjali li meta ssir l-evalwazzjoni ta' jekk l-għajnuna mill-istat tkunx kompatibbli mat-Trattat, jinstab bilanċ ġust bejn l-effetti negattivi tal-għajnuna mill-istat fuq il-kompetizzjoni u l-finanzi pubbliċi u l-effetti pożittivi f'termini tal-interessi komuni;
17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa d-dimensjoni esterna tal-effetti tar-regoli bankarji previsti, partikolarment fuq il-kompetittività tal-banek Ewropej;

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010

18. Huwa tal-fehma li politiki ta' għajnuna mill-istat meħuda f'relazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji u l-proċess tal-irkupru ekonomiku għenu biex jistabbilizzaw is-suq finanzjarju u biex jittrattaw l-effetti tan-nixfa tal-kreditu fuq l-ekonomija reali;

19. Jinnota li l-politika dwar l-għajnuna mill-istat hija parti integrali mill-politika ta' kompetizzjoni u li l-kontroll tal-għajnuna mill-istat jirrifletti l-ħtieġa li jinżammu kundizzjonijiet ugwali għall-impriżi kollha li jkun qed iwettqu attivitajiet fis-suq uniku Ewropew; f'dan il-kuntest, jistaqsi sa liema punt l-għajnuna mill-istat mogħtija lis-suq finanzjarju kkawżat tagħwiġ tal-kompetizzjoni; jitlob li jsir rapport indipendenti dwar l-effetti potenzjali ta' tagħwiġ li intervent mill-Istat jista' jgħib miegħu fis-settur finanzjarju; jitlob lill-Kummissjoni tagħti rapport dwar il-progress ta' ristrutturar li sar mill-benefiċjarji tal-għajnuna mill-istat u biex tkun aktar ċara dwar il-ħlas lura tal-għajnuna mill-istat u s-sanzjonijiet possibbli fin-nuqqas ta' dan; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiċċara l-miżuri vinkolanti ta' ristrutturar marbuta ma' effetti potenzjali ta' tagħwiġ li jirriżultaw f'differenzi fil-kundizzjonijiet tal-pagamenti bejn l-Istati Membri; isejjaħ għal aktar ċarezza dwar il-kriterji għad-divestimenti u dwar l-impatt tagħhom fuq l-azjendi kkonċernati fi żmien medju;

20. Huwa mħasseb dwar is-sussidji u t-tagħwiġ iġġenerati mill-garanziji dwar il-finanzjament tal-banek mogħtija mill-gvernijiet tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa l-ambitu tas-sussidji relatati mal-garanziji dwar il-finanzjament tal-banek u b'hekk tanalizza l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kompetizzjoni u l-miżuri meħtieġa għall-korrezzjoni ta' kwalunkwe tagħwiġ relatat ma' dawk il-garanziji;

21. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tinvestiga, bħala kwistjoni ta' urġenza, għaliex l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-banek mhux qed tingħadda lill-ekonomija reali, u biex tieħu miżuri kontra dawk il-banek li sfaċċatament jonqsu jew jirrifjutaw li jgħaddu l-benefiċċji tal-għajnuna mill-Istat;

22. Jinnota li l-Kummissjoni diġa bdiet il-proċess tal-irtirar tal-appoġġ mill-Istat u l-mandat tar-ristrutturar u d-diżinvestimenti; jirrikonoxxi li dawk il-proċessi jeħtiġilhom ikunu flessibbli biex jirnexxu; madankollu, jitlob li jkun hemm gwida mill-Kummissjoni dwar dawk il-proċessi; hu tal-fehma li l-interventi tal-Istat ma għandhomx idumu bla bżonn u li għandhom ikunu żviluppatti mill-aktar fis-strateġiji li bihom jiġi rtirat l-appoġġ;

23. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-istrateġiji ta' ħruġ ikunu kkoordinati, b'mod partikolari rigward it-tneħħija gradwali tal-appoġġ għas-settur bankarju; jenfasizza li din il-koordinazzjoni hija essenzjali biex jiġi evitat kwalunkwe tagħwiġ tal-kompetizzjoni kkaġunat minn sitwazzjoni li fiha l-banek jistgħu sa ċertu punt ikunu ssussidjati f'dawk il-pajjiżi fejn jinżammu programmi ta' appoġġ għall-banek b'kuntrast ma' pajjiżi fejn programmi bħal dawn jitneħħew gradwalment;

24. Jemmen li s-sistema ta' regoli tal-kompetizzjoni s'issa żammet sħiħ fid-diffikultajiet, iżda li l-kriżi gābet magħha l-ħtieġa urġenti li jkun hemm qafas tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet transkonfinali fis-settur finanzjarju, fosthom is-soluzzjoni għal dawk l-istituzzjonijiet meqjusa bħala "kbar wisq biex ifallu", implimentazzjoni rapida u sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport ta' de Larosière, inklużi regolatur Ewropew uniku, fond ta' garanzija tad-depożiti u fond ta' salvataġġ mid-diffikultajiet jew sistema ekwivalenti;

25. Jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-miżuri nazzjonali ta' għajnuna mill-Istat, id-differenzi bejn l-iskemi nazzjonali, l-effetti li jista' jkollhom fuq it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni u d-diverġenzi ekonomiċi li jstgħu jirriżultaw minnhom; jistieden lill-Kummissjoni biex tipprepara proposti għal approċċ uniku Ewropew li jkun aktar koerenti;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-eżami tat-tirkib potenzjali bejn l-għajnuniet mill-Istat u strumenti Komunitarji oħra tat-tip tal-fondi strutturali u tal-fondi ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni, bil-għan li tiżgura l-koerenza tal-azzjonijiet tagħha;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tispeġja xi kriterji se jintużaw fid-deċiżjoni dwar il-possibilità ta' estensjoni tal-Qafas Temporanju Komunitarju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat;

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010

28. Jinsisti li l-ghajjnuna mill-Istat għandha tkun kompatibbli mal-għanijiet tal-Istrateġija ta' Lisbona-Göteborg u mal-pakkett klima-enerġija; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ineħħu s-sussidji dannużi li, inter alia, ikattru l-konsum jew il-produzzjoni tal-fjuwils fossili li jżidu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra; b'mod usa' jenfasizza l-ħtieġa li jsiru Valutazzjonijiet Strateġiċi tal-Impatt (SEAs) ta' politiki u Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali (EIAs) ta' proġetti previsti fl-ambitu tal-pakkett ta' rkupru;
29. Jilqa' l-linji gwida ġodda dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali fi ħdan il-qafas tal-pakkett klima-enerġija li jdaħħal evalwazzjoni normalizzata għal kwistjonijiet żgħar u evalwazzjoni dettaljata għal kwistjonijiet sinifikanti;
30. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-2010 tippubblika rapport komprensiv dwar l-effikaċja tal-ghajjnuna mill-Istat "għall-programm ta' rkupru li jirrispetta l-ambjent" (li jikkawża qlib sostanzjali lejn is-sostenibbiltà, b'mod partikolari fis-settur tal-karozzi) u l-ghajjnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent;
31. Jitlob li jkun hemm rappurtar simili dwar l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija bħala appoġġ għall-SMEs, għat-taħriġ, għar-riċerka u l-iżvilupp u għall-innovazzjoni;
32. Jissuġġerixxi li t-tneħħija gradwali tal-Qafas Temporanju Komunitarju għall-miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat ta' appoġġ għall-finanzi fil-kriżi finanzjarja u ekonomika kurrenti għandha tqis il-qagħda ekonomika (it-tul ta' żmien tal-irkupru u d-daqs tat-tnaqqis tal-PGD) tal-Istat Membru kkonċernat;
33. Isejjaħ biex il-Kummissjoni ssostni, fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, l-isforzi tagħha biex tilħaq aktar trasparenza fir-rati tariffarji għall-operaturi tas-servizzi fissi u speċjalment għal dawk tas-servizzi mobbli;
34. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi investigata l-isfida li jirrappreżentaw ir-rifuġji fiskali u ċ-ċentri offshore fir-rigward, inter alia, tal-kompetizzjoni inġusta u l-istabbiltà finanzjarja;
35. Itenni s-sejħa tiegħu biex tiddaħħal Bażi ta' Taxxa Komuni u Konsolidata għall-Korporazzjonijiet;
36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament dwar ir-reviżjoni tagħha tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-servizzi pubbliċi, li suppost ilha li saret mid-19 ta' Diċembru 2008 u li issa għandha tqis id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;
37. Jinnota bi tħassib li l-irkupru tal-ghajjnuna illegali mill-Istat huwa proċess twil u diffiċli, u li numru żgħir ta' Stati Membri huwa responsabbli għal kważi l-każijiet kollha pendenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tissikka l-proċeduri u biex tibqa' tagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li jiksru l-liġi ripetutament;
38. Jitlob lill-Kummissjoni għal investigazzjoni eżawrjenti dwar l-użu ġeneralizzat u fuq skala kbira, min-naħa ta' xi azjendi Ewropej, ta' kuntratti ta' xogħol temporanju u perjodi ta' taħriġ bi ftit ħlas għal nies b'ħiliet kbar, bħala strateġija ekonomika abbużiva li tmur kontra l-prinċipju ta' xogħol diċenti u li xxattar il-kompetizzjoni;
39. Jisħaq li l-faċilitazzjoni tal-finanzjament ta' kapital ta' riskju għall-SMEs huwa essenzjali għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta;
40. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa u tirrapporta dwar kemm, jekk huwa l-każ, l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali differenti fl-industrija tal-karozzi kkontribwew għal objettivi oħra tal-Komunità, b'mod partikolari teknoloġiji sostenibbli u li jirrispettaw l-ambjent; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa l-kompetittività f'dan is-suq, b'mod partikolari r-relazzjoni bejn il-Manifatturi ta' Tagħmir Oriġinali (OEMs) u l-ewwel u t-tieni saff ta' fornituri;
41. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni tal-Pakkett ta' Simplifikazzjoni;

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010**L-Antitrust**

42. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-White Paper dwar azzjonijiet għad-danni għall-ksur tar-regoli dwar l-antitrust; jemmen li din hija rebħa għall-protezzjoni tal-konsumatur fi ħdan l-Unjoni Ewropea;
43. Ifakkar li l-kartelli jagħmlu l-ħsara lill-ekonomija u jirrappreżentaw ksur mill-iktar serju tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni; jemmen li t-tali ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni jmur kontra l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni minħabba li jimplika li l-vantaġġi ta' prezzijiet orħos b'riżultat tal-kompetizzjoni ma jkunux jistgħu jgħaddu għand il-konsumaturi; itenni, f'dan il-kuntest, li kwalunkwe proposta li għandha ssir dwar rimedju kollettiv jeħtiġilha ttrispetta l-fehma tal-Parlament espressa fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar proċeduri għad-danni għall-ksur tar-regoli tal-UE tal-antitrust, u jinsisti li jeħtieġ li l-Parlament ikun involut fl-adozzjoni ta' att tali permezz tal-proċedura ta' kodeċizzjoni;
44. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkordina aktar l-inizjattivi tagħha bejn approċċ skont il-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni u ieħor skont il-leġiżlazzjoni dwar il-konsumatur;
45. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-pożizzjoni soda li ħadet il-Kummissjoni dwar l-imġiba antikompetittiva f'dawn l-aħħar snin, minħabba li tagħmel ħsara kbira lill-konsumaturi u lill-ekonomija; jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ wiesa' għall-politika tal-kompetizzjoni, u għal-leġittimità demokratika li tkun żgurata bl-involviment tal-Parlament Ewropew; jinsab imħasseb dwar l-użu ta' multi ogħla minħabba li l-uniku strument jista' jkun jaqta' wisq, b'mod speċjali b'ħarsa lejn it-telf possibbli tal-impjigi bħala riżultat li dawn ma jkunux jistgħu jitħallsu, u jitlob li jkun hemm żvilupp għal firxa usa' ta' strumenti aktar sofistykati, li jinkludu kwistjonijiet bħal responsabilità individwali, it-trasparenza u r-responsabilità tan-negozji, proċeduri aktar qosra, id-dritt għad-difiża u proċess xieraq, mekkaniżmi biex tiġi żgurata operazzjoni effikaċi tal-applikazzjonijiet għall-klemenza (b'mod partikulari biex tingħeleb l-interferenza kkawżata minn proċessi ta' skopertura fl-Istati Uniti), programmi ta' konformità tal-kumpaniji u l-iżvilupp tal-istandards Ewropej; jippreferi l-approċċ "tal-incidentiv u l-kastig", b'pieni li jservu bħala deterrent effikaċi, b'mod partikulari għal dawk li jiksru l-liġi ripetutamente, filwaqt li jħeġġeġ il-konformità;
46. Huwa tal-fehma li meta l-istess kumpanija tikser il-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni diversi drabi, miżuri aktar qawwija ta' deterrenza jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regoli antitrust għal każijiet ta' kartelli jew biex jiġu miġġielda l-abbużi ta' pożizzjoni dominanti;
47. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintroduċu l-prinċipju tar-responsabbiltà individwali;
48. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra r-rwol ta' programmi ta' konformità bħala strument fil-għieda kontra l-imġiba antikompetittiva;
49. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi kriterji speċifiki li permezz tagħhom l-impriżi għandhom jitqiesu li jkunu aġixxew intenzjonalment jew b'negliġenza;
50. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi kriterji speċifiki li permezz tagħhom il-kumpaniji possedenti għandhom jinżammu responsabbli in solidum għall-aġir tas-sussidjarji tagħhom li jixbah dak f'kartell;
51. Jinnota li l-multi sproporzjonati jolqtu aktar ħażin lill-SMEs milli lill-kumpaniji l-kbar;
52. Iħoss li l-multi għandhom ikunu fi proporzjon mal-ksur; jipproponi wkoll li, f'ċirkostanzi flokhom, meta tiġi kkalkulata l-multa għandhom jitqiesu dawk l-ammonti rilevanti li jkunu tħallsu bħala kumpens; jitlob lill-Kummissjoni biex tirveddi l-bażi għall-kalkolu tal-multi u, jekk dan ikun floku, sabiex tinkorpora l-prinċipji l-ġodda tal-impożizzjoni tal-multi fir-Regolament (KE) Nru 1/2003;
53. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi uffiċċju uniku għall-applikazzjonijiet għall-klemenza;

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010

54. Jitlob li jkun infurmat u kkonsultat kif jixraq dwar kull emenda fir-Regolament dwar l-Eżenzjoni Sħiħa għall-Vetturi bil-Mutur, f'perjodu ta' żmien li jippermetti lill-Parlament jistudja l-emenda bir-reqqa u jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu, bil-kunsiderazzjoni tal-ħtieġa urġenti li s-settur jingħata xefaq prevedibbli li jħallih jieħu l-miżuri adegwati;

55. Jenfasizza l-bżonn ta' kooperazzjoni effikaċi mal-Parlament, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u tan-negozji ż-żgħar, li tikkonċerna kwalunkwe emenda tar-Regolament għall-Eżenzjoni skont il-Kategorija applikabbli għall-Ftehimiet Vertikali; jenfasizza li qafas regolatorju li jinkoraġġixxi azzjoni koeżiva minn diversi operaturi tas-suq huwa l-aħjar mod biex jiġi indirizzat id-detriment potenzjali lill-konsumaturi kkawżat minn nuqqas ta' għażla;

56. Ifakkar fit-talba li jsir skrutinju xieraq, inkluż seduta ta' smiġħ fil-Parlament tal-organizzazzjonijiet tal-utenti finali, tal-Abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni dwar Eżenzjoni skont il-Kategorija għall-Vetturi bil-Mutur u l-Linji Gwida tal-Abbozz Preliminari; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura regoli ta' evidenza ġejjiena mill-1 ta' Ġunju 2010 'l quddiem;

57. Jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni għal qafas regolatorju aktar strett għas-servizzi ta' wara x-xiri, sabiex jitnaqqas il-livell għoli tan-nefqa tal-konsumatur fuq it-tiswija u l-manutenzjoni kkawżat minn prattiki li jikkawżaw id-distorsjoni bħalma huma l-esklużjoni ta' fornituri tas-servizz indipendenti;

58. Jistenna li l-interessi tal-bejjieġha żgħar u medji tal-karozzi jitqiesu adegwament f'oqfsa futuri tal-kompetizzjoni għas-settur awtomottiv; huwa tal-fehma li jekk dan ma jsirx, ir-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali għas-settur awtomottiv fil-forma attwali tiegħu jkollu jiġi estiż;

59. Jitlob li jkun ikkonsultat dwar kull emenda proposta għar-Regolament dwar l-Eżenzjoni Sħiħa għall-Vetturi bil-Mutur applikabbli għal Ftehimiet Vertikali, f'perjodu ta' żmien li jippermetti lill-Parlament jagħmel skrutinju bir-reqqa u jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu;

Kontroll tal-merġers

60. Jilqa' b'sodisfazzjon l-għan li jkun hemm aktar titjib fil-mekkaniżmi ta' riferiment u aktar konsistenza fl-evalwazzjoni ta' operazzjonijiet ta' merġers li jkunu jistgħu jitqabblu, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tirrevedi l-effetti tar-regola taż-żewġ terzi;

61. Jilqa' r-reviżjoni tal-avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rimedji aċċettabbli skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004, li jikkodifika sentenzi riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, iqis il-konklużjonijiet tal-Istudju dwar ir-Rimedji, u jindirizza l-punti mqajma matul il-konsultazzjoni pubblika;

62. Jitlob lill-Kummissjoni tfassal rapport għal kull pajjiż dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet, li jippermetti li l-konsiderazzjonijiet ta' politika pubblika jieħdu preċedenza fuq il-konsiderazzjonijiet tal-kompetizzjoni;

63. Jenfasizza li l-kriżi ekonomika attwali ma tiġġustifikax l-illaxkar tal-politiki tal-UE dwar il-kontroll tal-merġers;

Inkjesti fis-settur

64. Jistieden lill-Kummissjoni tistabilixxi l-kriterji applikabbli biex ikunu jistgħu jsiru inkjesti fis-settur; hu tal-fehma li l-Kummissjoni m'għandhiex taġixxi biss fuq il-imenti tal-industrija jew tal-konsumaturi, iżda wkoll fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament;

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2010

65. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga s-sehem tal-marġni fil-ktajjen tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni f'konformità mar-risoluzzjoni tal-Parlament tas-26 ta' Marzu 2009 dwar il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa; jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri xierqa, fosthom regolamenti, biex jitħarsu l-konsumaturi, il-ħaddiema u l-produtturi minn kull abbuż li joħroġ minn xi pożizzjoni dominanti jew minn effetti negattivi li jiġu identifikati matul dik l-investigazzjoni;

66. Itenni, f'dan il-kuntest, it-talbiet li kien għamel għal inkjesti fis-setturi tar-reklamar onlajn u r-relazzjonijiet bejn il-produtturi agrikoli (b'mod partikolari tal-prodotti tal-ħalib), ix-xerrejja intermedjarji, id-distributuri ewlenin u l-konsumaturi finali; jitlob li ssir inkjesta dwar il-konċentrazzjonijiet tal-midja, fosthom il-mezzi kollha għad-distribuzzjoni tal-kontenut, bħall-istampa, it-televiżjoni u r-radju, u l-internet; jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta analiżi tal-kompetizzjoni fis-setturi tat-telekomunikazzjonijiet, il-karozzi u s-servizzi finanzjarji;

67. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' inkjesti f'setturi komprensivi u miżuri ta' segwitu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tan-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni (l-ECN) dwar l-industrija tal-ikel u, b'mod partikolari, dwar il-katina tad-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ħalib;

68. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja l-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel fl-Unjoni Ewropea kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-industrija tal-ikel;

69. Jenfasizza l-bżonn li tittejjeb il-kompetizzjoni fis-settur tal-farmaċewtika billi jittieħdu l-miżuri xierqa biex jiġu miġġielda dawk il-prattiki tal-impriżi tal-farmaċewtika li jistgħu jwasslu għad-dewmien jew it-twaqqif ta' prodotti ġeneriċi milli jidħlu fis-suq, b'konformità mar-risultati tal-indaġni settorjali mwettqa mid-DG Kompetizzjoni;

70. Jilqa' l-inkjesta tal-Kummissjoni fis-settur tal-enerġija; jitlob lill-Kummissjoni biex tinvestiga kemm in-nuqqas ta' investiment fl-infrastruttura, partikolarment fl-interkonnessjonijiet tal-gass u l-elettriku, ifixkel il-kompetizzjoni; jinnota li s-sigurtà tal-provvista u l-kompetizzjoni effikaċi fis-suq tal-enerġija ma jstgħux jinkisbu mingħajr infrastruttura interkonnessa u funzjonali sew tal-enerġija;

71. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' kompetizzjoni fit-telekomunikazzjonijiet; jitlob li ssir inkjesta oħra fis-settur; jinsisti li l-Entità ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) tinkoraġġixxi l-kompetizzjoni b'mod partikolari permezz ta' analiżi pertinenti tas-suq; jinsisti għalhekk li s-segretarjat tiegħu jingħata riżorsi biżżejjed għal dan il-għan;

72. Jiddeplora li l-Kummissjoni fir-rapport tagħha ma tittrattax, ħlief fuq fuq, il-kooperazzjoni interistituzzjonali mal-Parlament u ma tirrispondix it-talbiet li ġejjin imfassla mill-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009:

- analiżi ta' Prattiki abbużivi fis-settur tas-servizzi, li jstgħu jżommu lin-negozji ż-żgħar milli jkunu jstgħu jagħmlu offerti għal xogħol;
- sorveljanza tal-aġir kompetittiv tas-swieq tal-fjuwils fl-Unjoni Ewropea;
- talba għal miżuri li jiffavorixxu l-kompetizzjoni tariffarja aktar minn miżuri li jirregolaw il-prezzijiet bl-imnut fis-settur tat-telekomunikazzjoni;

73. Itenni t-talba tiegħu li ssir inkjesta dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, u jekk id-differenzi nazzjonali jwasslux għal tagħwiġ fil-kompetizzjoni;

*

* *

74. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.